



24.6.2010

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 0796/2009 minn Marc Jansen, ta' nazjonalità Olandiża, b'400 firma, dwar il-bini ta' motorway bejn Tabua u Seia fid-distrett ta' Coimbra fiċ-ċentru tal-Portugall

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant jirreferi għall-pjanijiet tal-awtoritajiet Portugiżi għall-bini ta' motorway bejn Tabua u Seia fid-distrett ta' Coimbra fiċ-ċentru tal-Portugall. Il-petizzjonant isostni li dan il-proġett se jkollu effett katastrofiku fuq l-ambjent naturali, l-akwiferi ta' taħt l-art u l-wirt arkitettoniku u kulturali taż-żona. Ir-rotta meħuda mill-motorway se tidħol ukoll fuq riserva naturali protetta u tirrikjedi l-qtugħ ta' 250 ettaru ta' foresti. Il-petizzjonant jinnotta finalment li ċ-ċittadini kkonċernati ma ngħatawx l-opportunità li jesprimu l-opinjoni tagħhom dwar il-proposta tal-ippjanar. Il-petizzjonant iqis dan bħala ksur serju tal-leġislażzjoni attwali tal-UE f'dan il-qasam u jistieden lill-Parlament Ewropew sabiex jintervieni.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fit-8 ta' Ottobru 2009. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fl-24 ta' Ġunju 2009.

Il-kummenti tal-Kummissjoni dwar il-petizzjoni

Is-servizzi tal-Kummissjoni analizzaw l-informazzjoni pprovduta mill-petizzjonant fid-dawl tal-liġi tal-UE li tista' tapplika f'dan il-każ, filwaqt li kkunsidraw ukoll l-informazzjoni l-oħra disponibbli.

Id-Direttiva 85/337/KEE¹ kif emendata (magħrufa bħala id-Direttiva dwar l-Istima tal-Impatt Ambjentali jew id-Direttiva tal-EIA) tagħmel dispożizzjonijiet għat-twertiq ta' EIA għal ċerti proġetti pubbliċi u privati. Id-Direttiva tal-EIA tidentifika bejn l-hekk imsejħa proġetti tal-Anness I, li għandhom dejjem jiġu soġġetti għal proċedura tal-EIA u l-proġetti tal-Anness II fejn l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu permezz ta' eżami każ b'każ, u/jew limiti minimi jew kriterji stipulati fil-leġiżlazzjoni domestika li tittrasponi jekk il-proġett għandux jiġi soġġett għal EIA jew le. Il-proġetti tal-motorways huma inklużi f'punt 7 b) tal-Anness I tad-Direttiva u għaldaqstant l-EIA hija obbligatorja.

Il-proċedura tal-EIA tiżgura li l-konsegwenzi ambjentali tal-proġetti jiġu identifikati u evalwati qabel ma jingħata l-kunsens għal żvilupp mill-awtorità kompetenti. Il-pubbliku jista' jagħti l-opinjoni tiegħu u għandhom jiġu kkunsidrati l-konsultazzjonijiet kollha. Il-pubbliku għandu jiġi infurmat ukoll dwar il-kontenut tal-kunsens għal żvilupp.

Rigward il-proġett tal-motorway inkwistjoni, għandu jiġi nnutat li l-IC 6 hija parti minn pjan ikbar imsejjaħ "Plano Rodoviário Nacional na Região Centro Interior" (PRNRCI), li jinkludi tliet toroq: l-IC 6, l-IC 7 u l-IC 37.

Fil-qafas ta' każ ieħor, is-servizzi tal-Kummissjoni saqsew lill-awtoritajiet Portugiżi dwar il-PRNRCI, b'fowkus speċifiku fuq l-Istima Ambjentali Strateġika (SEA) tal-pjan². Permezz tal-iskambju ta' korrispondenza mal-awtoritajiet Portugiżi, wieħed jista' jikkonkludi li:

- L-SEA tal-pjan twettqet f'konformità mal-liġi rilevanti tal-UE;
- Kull proġett individwali fil-pjan, jiġifieri kull proġett tat-toroq, se jiġi sottomess fi żmien xieraq għal EIA individwali skont id-Direttiva 85/337/KEE, kif emendata.

Kif diġà ntqal, l-EIA ta' kull proġett se tkun meħtieġa tevalwa b'mod xieraq l-effetti tal-proġetti skont sett sħiħ ta' fatturi, inklużi dawk imqajma mill-petizzjonant, bħal: il-fawna, il-flora, l-ilma, l-assi materjali u l-wirt kulturali.

Billi, skont l-informazzjoni disponibbli, il-proċess għall-approvazzjoni ta' dan il-proġett ta' motorway għadu għaddej u l-Kummissjoni ma sabet l-ebda prova ta' ksur tal-liġi ambjentali tal-UE, f'dan l-istadju ma tista' tittieħed l-ebda azzjoni oħra.

Fl-aħħar nett, rigward il-possibiltà ta' fondi tal-UE, għandu jiġi nnutat li sa issa l-awtoritajiet Portugiżi ma applikaw għall-ebda fondi għal dan il-proġett, la mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u lanqas mill-Fond ta' Koeżjoni, u l-ebda ffinanzjar mill-UE mhux pjanat għat-toroq imsemmija.

Konklużjonijiet

¹ Direttiva 85/337/KEE (ĠU L 175, 05.07.1985) kif emendata mid-Direttiva 97/11/KE (ĠU L 073, 14.03.1997), Direttiva 2003/35/KE (ĠU L 156, 25.06.2003) u d-Direttiva 2009/31/KE (ĠU L 140, 05.06.2009).

² Direttiva 2001/42/KE dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent (ĠU L 197, 21.07.2001).

Fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mill-petizzjonant, f'dan il-każ il-Kummissjoni ma tistax tidentifika ksur tal-ebda leġislazzjoni ambjentali tal-UE.